MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**PADOVANI JACQUELINE LL.D.**

Seduta ta' 22 ta' Ottubru, 2002

Numru 873/2002

PULIZIJA
SPETTUR BERNARD ZARB
VS
CARMEL FALZON
JOSEPH SPITERI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Carmel Falzon ta' 41 sena, bin George u Mary nee Agius, imwieled Qormi fit-28 ta' Gunju 1961 u residenti Redeemer, 64, Triq it-Tlieta u Ghoxrin ta' April Qormi detentur tal-karta tal-identita numru 409961M u Joseph Spiteri ta' 27 sena bin Spiridione u Rosaria nee Mifsud imwieled Pieta fl-14 ta' Lulju 1975 u residenti Mon Dieu, Triq Salvu Attard, Zebbug detentur tal-karta tal-identita numru 338475M talli fid-29 ta' Settembru 2002, u fil-granet ta' qabel u ta' wara, f'Hal Qormi u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, taw jew ftehmu li jaghtu jew offrew jew pproponew lil xi persuna ohra, direttament jew

indirettament, li dik il-persuna l-ohra ghandha taghti jew tifhem li taghti jew toffri xi rigali jew kumpens lil xi player jew lil xi ufficjal jew organizzatur biex ihajruh jaghmel jew bi tpattija talli jaghmel jew jonqos milli jaghmel, jew talli, wara li jkun beda jsehh dan l-Att, ikunu ghamlu jew naqqsu milli jaghmlu xi haga li, jekk issir jew tonqos milli ssir, tkun bi ksur tas-subartikolu (1) u (2), u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-kap 263 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru 2002 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni taghhom il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat Art 3(1) u (2) tal-kap 263 u Art 28A tal-kap 9 u tikkundannahom ghal sena prigunerija sospizi ghal erba snin.

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.